**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Artikoli 49, 50, 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 274(c), 277(a), 279(a), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Kumpilazzjoni Nru: 629/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Kurt Zahra)**

**vs**

**CHRISTOPHER RYAN**

**Illum, 6 ta' Awwissu 2015**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CHRISTOPHER RYAN**, detentur tal-karta tal-Identita' Numru 297494M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. nhar is-27 ta` Mejju 2015 ghall-habta tas-13.00 minn Triq Eldorado, Hamrun ikkommetta serq ta` gizirana li valur taghha jammonta ghal 465€ minn fuq il-persuna ta` Dolores Debrincat detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 796255(M), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (2,329.37 ewro).

2. U talli nhar l-14 ta` Gunju 2015 ghall-habta tas-14.30 minn Triq Anton Buttigieg, Hamrun ikkommetta serq ta` gizirana li valur taghha jammonta ghal 300€ minn fuq il-persuna ta` Elizabeth Farrugia detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 351351(M), liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (2,329.37 ewro).

3. U talli nhar fid-29 ta` Lulju 2015 ghall-habta ta' bejn 09.45hrs u 10:00hrs minn Triq il-Kanun Santa Venera ikkommetta serq ta` gizirana li valur taghha jammonta ghal 250€ minn fuq il-persuna ta` Salvina Attard detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 739548(M), liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (2,329.37 ewro).

4. U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li gie misjub hati b` diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom tlett okkorrenzi, certifikat mediku, fedina penali, statement, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat u kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-6 ta' Awwissu 2015 u dana fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni b'eccezzjoni ghall-akkuza ta' recidiva li ma tirrizultax lill-Qorti.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-6 ta' Awwissu 2015.

Semghet lill-imputat jiddikjara li huwa ghandu problema ta' abbuz tad-droga.

Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jigi invistat minn tabib bil-ghan li l-vizzju mishut tieghu tal-abbuz tad-droga jigi indirizzat u bil-ghan li jghaddi programm residenzjali.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 49, 50, 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 274(c), 277(a), 279(a), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat CHRISTOPHER RYAN hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah sentejn u erba' xhur prigunerija effettivi.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hlas ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti stante li ma gew nominati l-ebda esperti f'din il-kawza.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**